MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 2/2024 LM

**Michael Angelo Cassar (K.I. 216156(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**GO p.l.c. (C 22334)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà ntimata **GO p.l.c. (C 22334)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Jannar, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda

t-talba tar-rikorrent **Michael Angelo Cassar (K.I. nru. 216156(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

*"...it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà intimata tirrifondi l-ammont illikwidat* arbitro bon viri *ta' ħames mitt ewro (€500) fi żmien ħmistax-il jum mil-lum. Wara li r-rikorrenti jirritorna l-apparat lura lis-soċjetà intimata, dan għandu jingħata d-depożitu mħallas minnu.*

*L-ispejjeż ta' din is-sentenza jitħallsu mis-soċjetà intimata."*

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-ftehim li l-partijiet iffirmaw fid-29 ta' Lulju, 2019, fejn is-soċjetà appellanta ntrabtet sabiex tippresta s-servizzi tagħha lill-appellat għal perijodu ta' sentejn, liema servizzi kienu jikkonsistu f' *'Home Pack Internet Turbo and TV'.* Iżda l-appellat beda jilmenta li s-servizzi ma kienux tajba, fejn il-problema tiegħu mhux dejjem ġiet indirizzata, u dan fejn huwa kien baqa' jħallas tagħhom b'mod regolari.

## Mertu

3. L-appellat ippreżenta ilment quddiem it-Tribunal fil-21 ta' Diċembru, 2021, fejn filwaqt li fisser il-problemi bis-servizzi li huwa kien affaċċja, talab li tiġi rifuża s-somma ta' €800 li huwa kien ħallas lis-soċjetà appellanta.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-8 ta' Marzu, 2022, fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1) Illi, fil-mertu t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll frivola u vesstorja u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż skont il-liġi;*

*2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost tinġibed l-attenzjoni tat-Tribunal li mill-kopja tal-kuntratt esebit mill-istess rikorrenti huwa evidenti li huwa bbenefika minn roħs minħabba li l-*internet speed *kien* "Less than 30MBps" *u għalhekk kull asserzjoni tar-rikorrenti in rigward ta'* internet speeds *differenti huma bla bażi;*

*3) Illi f'kull każ, mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, kif jirriżulta mill-annessi dokumenti mmarkati bħala dok A u B, wara li r-rikorrenti ntavola l-ilment tiegħu mal-MCCAA, is-soċjetà intimata kienet offriet kumpens ta' €300 għas-saldu, liema offerta kienet ġiet aċċettata u filfatt il-kumpens ingħata u dan minkejja li l-istess rikorrenti għadu ma rritornax l-apparat proprjetà tal-GO li jinsab fil-pussess tiegħu.*

*4) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi."*

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Ikkunsidra***

*Illi r-rikorrenti qiegħed jitlob rifużjoni tal-ħlasijiet kollha li għamel minn meta beda l-kuntratt u ċioé mid-29 ta' Lulju 2019 sas-26 t'Ottubru 2020 u dan minħabba li s-servizz kien ħażin u r-rikorrenti ma kienx moqdi kif mistenni.*

*Illi s-soċjetà intimata tikkonferma li verament saru diversi rapporti tul il-perijodu tal-kuntratt relatati mas-servizz pprovdut mis-soċjetà GO iżda jispjegaw ukoll li l-aħħar żewġ rapporti u ċioé tas-7 t'Ottubru 2021 u tad-29 t'Ottubru 2021 kienu relatati mal-WiFi u mhux mas-servizz pprovdut minnhom. Ix-xhud jispjega li s-soċjetà intimata kienet lesta tagħti s-somma ta' tlett mitt ewro (€300), u dan b'rikonoxximent li kien hemm perijodu fejn kien hemm xi ħsarat.*

***Ikkunsidra***

*Illi kif ġie osservat mis-soċjetà intimata, xi tip ta' ħsara kienet eżistenti, tant li l-istess soċjetà kienet lesta tagħti s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) bħala kumpens għal dan in-nuqqas. Għalhekk issa li jrid jiġi determinat minn dan it-Tribunal huwa kemm kienet frekwenti l-ħsara, u l-firxa u l-estent tal-ħsara. Illi huwa evidenti li l-perm* [sic!] *tal-kwistjoni hija materja teknika li kienet tkun mistħarrġa aħjar minn espert li għandu livell ta' għarfien lil hinn mill-kapaċità professjonali ta' dan it-Tribunal. Illi stante li s-*

*servizz illum il-ġurnata ġie terminat, dan it-Tribunal mhux f'pożizzjoni li jaħtar espert. Fl-istess waqt, it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti ma ħarrikx lit-*technicians *tal-GO biex jixhdu dwar il-frekwenza tal-ħsarat u biex jirrelataw dwar is-sors u r-raġuni ta' dawn il-ħsarat.*

*Illi kif ingħad, ir-rikorrenti esperjenza xi tip ta' ħsarat tassew. Dan magħdud mal-fatt li l-lokalità kienet ġja milquta minn servizz ta' kwalità inferjuri tant li r-rikorrenti kien ingħata skont biex jikkumpensa għal dan il-fattur.*

*Affermati s-suespost prinċipji ta' dritt dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni illi, tabilħaqq, is-servizz kien batut u mhux kif mistenni. Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li għandu jaċċetta bħala leġittimu u ġustifikat l-ilment tar-rikorrenti għal liema ser tipprovdi l-provvediment infraskritt.*

*It-Tribunal qiegħed fid-deċiżjoni tiegħu jieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li bit-tajjeb u l-ħażin is-servizz intuża, imqar limitatament għall-perijodu ta' madwar sena u nofs u għalhekk ir-rikorrenti m'għandux raġun li jippretendi li jitlob rifużjoni tal-kontijiet kollha mħallsa minnu u għalhekk it-talba ser tkun limitata f'dan is-sens."*

**<u>L-Appell</u>**

5. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Jannar, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

*"...ai termini tal-Artiklu 22(4) tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, ħlief għall-ordni sabiex is-Sur Cassar jirritorna lura l-apparat tas-soċjetà esponenti li għadu fil-pussess tiegħu, tħassar dak deċiż mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Michael Angelo Cassar."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u b'hekk ġew ippreġudikati d-drittijiet tagħha.

6. L-appellat wieġeb fis-6 ta' Awwissu, 2024, fejn stqarr li t-talbiet tas-soċjetà appellanta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk talab lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell odjern.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat.

8. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni korretta u sħiħa tal-fatti quddiemu, u anki naqas li japplika b'mod korrett il-provvedimenti u l-prinċipji legali applikabbli. Tgħid li b'hekk huwa mar kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, sabiex ġew ippreġudikati d-drittijiet tagħha, u dan filwaqt li għamlet riferiment għall-para. (ċ) tas-subartikolu 22(2) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li hemm appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti,

> "...meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella".

Fid-dawl ta' din is-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta stess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra jekk tassew l-appell tagħha sarx fil-parametri tal-liġi.

9. Is-soċjetà appellanta tibda s-sottomissjonijiet tagħha dwar l-aggravju uniku tagħha, billi tispjega l-fatti kif ġraw, u tispjega għaliex hija ma kinitx qiegħda taqbel mad-deċiżjoni appellata abbażi tal-istess fatti kif applikata l-liġi għalihom. Is-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal madankollu injora l-imsemmija fatti u dispożizzjonijiet legali. Il-Qorti f'dan kollu ssib li s-soċjetà appellanta qiegħda tfisser biss diverġenza ta' opinjoni minn dik espressa mit-Tribunal dwar dak li seħħ bejn il-partijiet. Iżda d-deċiżjoni tat-Tribunal li ma

jaqbilx mas-soċjetà appellanta fil-mertu, ma jistax jiġi kkunsidrat li b'hekk b'xi mod it-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. It-Tribunal għandu d-diskrezzjoni li jagħżel li jammetti verżjoni jew oħra tal-partijiet fil-parametri tal-ekwità, iżda l-fatt li l-parti l-oħra tħoss li tkun ġiet ippreġudikata mid-deċiżjoni tiegħu, ma jfissirx li b'hekk ġew miksura l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, għaliex wara kollox f'kull vertenza li tinqata' minn qorti jew tribunal ser ikun hemm parti telliefa. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li għandha tikkunsidra l-appell tas-soċjetà appellanta fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet.

10. Iżda s-soċjetà appellanta tirrileva kwistjoni oħra li fil-fehma ta' din il-Qorti jistħoqqilha li tiġi ttrattata, għaliex hawnhekk it-Tribunal tassew ma jidhirx li ta d-debita attenzjoni għal dak li kienet qiegħda tirrileva s-soċjetà appellanta. Fir-risposta tagħha quddiem it-Tribunal, eċċepiet li meta l-appellat ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-MCCAA, l-imsemmi lment kien ġie riżolt b'mod amikevoli billi hija kienet ħallsitu kumpens ta' €300 għas-saldu.

11. Il-Qorti kkonfermat dan kollu mid-dokumenti esebiti mal-imsemmija risposta, u anki mill-atti l-oħra, iżda ssib li t-Tribunal imkien fid-deċiżjoni appellata ma ttratta din il-kwistjoni. Tgħid li ġaladarba jirriżulta biċ-ċar li l-partijiet kienu sabu soluzzjoni aċċettabbli għal kull wieħed u waħda minnhom, it-Tribunal ma kellux jidħol fil-mertu tal-kwistjoni, u dan ai tenur tas-subartikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' limitatament l-aggravju tas-soċjetà appellanta kif imfisser iktar 'il fuq f'din is-sentenza, u tħassar id-deċiżjoni appellata għajr fejn din ordnat lill-appellat sabiex jirritorna lura l-apparat tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**